A.L. 222 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9, 10 (2) ta' l-Att ta' l-2001 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 146 ta' l-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-29 ta' Awissu, 2003.

Jemenda r-regolament 2A tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (8) tar-regolament 2A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(9) Il-Ministru għandu jikkonsidra l-lista ta' għasafar li għandhom jiġu mħarsa b'mod speċjali kif rakkomandat mill-Kumitat Ornis taħt il-paragrafu (n) tas-subregolament (6) ta' dan ir-regolament, u jekk japprova l-lista din għandha tiġi pubblikata bħala Skeda VII ma'dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-proviso mas-subregolament (3) tar-regolament 25, minflok il-kliem "fil-lista li qed issir referenza għaliha fis-sub-paragrafu (n) tal-paragrafu (6) tar-regolament 2B" għandhom jidħlu l-kliem "fi Skeda VII li tinsab ma' dawn ir-regolamenti".

Iżid Skeda VII ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Wara Skeda VI li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol Skeda VII ġdida li ġejja:-

"SKEDA VII

Lista ta' Għasafar li huma Mħarsa b'mod Speċjali
skond is-subregolament (9) tar-regolament 2A

Isem Xjentifiku	Isem bil-Malti	Isem bl-Ingliż
Calonectris diomedea	Ċiefa	Cory Shearwater
Puffinus yelkouan	Garnija	Levantine Shearwater
Falco naumanii	Spanjulett Sekond	Lesser Kestrel
Pernis apivorus	Kuċċarda	Honey Buzzard
Buteo buteo	Kuċċarda Prima	Common Buzzard
Circus aeruginosus	Bugħadam Aħmar	Marsh Harrier
Circus cyaneus	Bugħadam Abjad Prim	Hen Harrier
Circus pygargus	Bugħadam Griż	Montagu Harrier
Circus macrourus	Bugħadam Abjad	Pallid Harrier
Circaetus gallicus	Ajkla Bajda	Short-toed Eagle
Aquila pomarina	Ajkla tat-Tikki	Lesser Spotted Eagle
Hieraaetus pennatus	Ajkla tal-Kalzetti	Booted Eagle
Pandion haliaetus	Arpa	Osprey
Ardea purpurea	Russett Aħmar	Purple Heron
Ardeola ralloides	Agrett Isfar	Squacco Heron
Egretta garzetta	Agrett Abjad	Little Egret
Nycticorax nycticorax	Kwakka	Night Heron

".